# Awtorità tad-Djar
# Rapport tas-Sena 2010

## Estimi għall-perjodu 1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011

## WERREJ


Rapport taċ-Chairman ........ 2

Kelmtejn mill-Kap Eżekuttiv ........ 5

Akkomodazzjoni Soċjali ........ 8

Tiswija u adattament ta' proprjetà tal-Gvern ........ 16

Żvilupp ........ 23

Rapport Notarili ........ 28

Riċerka u Relazzjonijiet Ewropej ........ 30

Riżorsi Umani ........ 32

Awditjar Intern ........ 33

Board Members' Report & Financial Statement ........ 34

Estimi għall-perjodu 1 ta' Jannar 2010 sal-31 ta' Diċembru 2010 ........ 50


AWTORITÀ TAD-DJAR • HOUSING AUTHORITY

Il-Missjoni Tagħna:

# Djar Xierqa jsaħħu l-komunitajiet u jipprovdu ambjent aħjar fejn inrabbu t-tfal tagħna



## Rapport taċ-*Chairman*

Għandi pjaċir nippreżenta r-rapport annwali tal-Awtorità tad-Djar għas-sena li għalqet f'Diċembru 2010 u l-estimi finanzjarji sa tmiem Diċembru 2011.

### Provvista ta' *Housing* Soċjali

Matul din is-sena l-Awtorità tad-Djar kompliet taħdem fuq il-missjoni tagħha biex tipprovdi akkomodazzjoni alternattiva għall-familji bi bżonnijiet soċjali. Fil-fatt, 98 applikant ġew provduti akkomodazzjoni alternattiva. Sadanittant, l-Awtorità kompliet ukoll issaħħaħ l-iskemi tagħha fejn aktar sussidji ġew mogħtija taħt Skema R (sussidju fuq kera mis-settur privat). L-Awtorità rċeviet 503 applikazzjoni, fejn 374 applikazzjoni kienu eliġibbli għas-sussidju u b'hekk issa qed jirċievu s-sussidju fuq il-kera tagħhom. In-numru ta' benefiċċjarji ta' Skema R laħaq 1,359 li huwa ekwivalenti għal ftit inqas minn €1 miljun f'sussidji fis-sena. L-Awtorità tad-Djar irrakmandat li fil-*budget* li jmiss il-Gvern ineħħi t-taxxi fuq dħul mill-kera li jirċievu s-sidien tal-postijiet li jibbenefikaw taħt din l-iskema. Bla dubju ta' xejn dan ikun ta' benefiċċju wkoll għall-kerrejja.

Matul din is-sena l-Awtorità ħarġet ukoll 117-il post għall-bejgħ bi prezz issussidjat liema sussidju kien ġeneruż. Dawn il-postijiet jinsabu f'14-il lokalità madwar Malta. Il-pubbliku wera nteress qawwi u fil-fatt l-Awtorità tad-Djar iffirmat konvenju jew tinsab fil-proċess li tiffirma konvenju fuq kważi nofs l-ammont ta' proprjetà provduta.

Fil-bidu tas-sena 2010, il-Bord ikkummissjona analiżi dettaljata tal-iskemi offruti biex jiġu identifikati t-tendenzi użati fil-passat u b'hekk tkun tista' tipprovdi skemi aħjar fil-futur. Dan ir-rapport ġie ffinalizzat u ppreżentat lill-Bord fl-ewwel kwart tas-sena kurrenti, fejn ħarġu bosta konklużjonijiet interessanti, illi issa l-*management* tal-Awtorità tad-Djar ser jibda japplika.

### Bidla Soċjali u Kulturali f'Malta

Il-kunċett ta' soċjetà u ta' komunità jidher ċar fil-missjoni tagħna - "Djar Xierqa jsaħħu l-komunitajiet u jipprovdu ambjent aħjar fejn inrabbu t-tfal tagħna". Bidliet kulturali, soċjali u ekonomiċi iħallu impatt kbir fuq *policies* ta' akkomodazzjoni. Bidliet demografiċi u kulturali jġibu magħhom bidla fid-domanda għall-għajnuna għall-akkomodazzjoni soċjali, kif ukoll jikkundizzjonaw id-dħul tal-individwu u kif dan iħallas għall-bżonnijiet tal-akkomodazzjoni.

Il-Soċjetà Maltija tinsab għaddejja minn ħafna bidliet fosthom ekonomiċi, soċjali u kulturali, liema bidliet ħallew l-effett tagħhom fuq il-familja Maltija. Żieda fil-familji b'ġenitur wieħed, relazzjonijiet bejn nies tal-istess sess, koabitazzjoni u bidliet oħra bħal dawn ipoġġu pressjoni fuq il-*policies* preżenti tal-Awtorità tad-Djar peress li l-bżonnijiet tal-familji nbidlu ħafna.

L-Unjoni Ewropea ħadet diversi inizjattivi li jħallu impatt ċar fuq dawn il-*policies* ta' akkomodazzjoni u akkomodazzjoni soċjali. Dawn il-*policies* jinkludu il-moviment liberu taċ-cittadini Ewropej u ta' ċittadini minn pajjiżi barra l-Ewropa, għajnuniet mill-Istat, strateġiji kontra d-diskriminazzjoni, povertà u esklużjoni soċjali. L-Awtorità tad-Djar qed tħaddan dawn l-inizjattivi kif ukoll qed tkompli tirrevedi l-iskemi u l-*policies* tagħha sabiex ikunu konsistenti ma' dawk tal-Unjoni Ewropea.

Hemm aktar bżonn li jinstabu soluzzjonijiet ġodda sabiex il-Gvern jaħdem flimkien mal-Kunsilli Lokali ħalli jippromwovu modi ġodda kif iwasslu s-servizzi tagħhom lill-poplu, kif ukoll modi ġodda kif jiġġeneraw aktar riżorsi finanzjarji għall-infrastruttura ġdida għall-akkomodazzjoni soċjali. Żewġ skemi ġodda li l-Awtorità tad-Djar ħarġet flimkien mal-Kunsilli Lokali fit-30 ta' Novembru 2010 huma prova ta' kif il-mentalità qiegħda tinbidel. L-għan ta' dawn l-iskemi huwa li jissaħħu s-servizzi ta' manutenzjoni mogħtija lir-residenti f'appartamenti tal-Gvern, kif ukoll ikun hemm inizjattivi ta' taħriġ edukattiv fil-komunità. Dawn l-iskemi ġew milqugħha tajjeb mill-Kunsilli Lokali u għandhom jiġu introdotti f'Marzu 2011.

## Trasferiment ta' proprjetà residenzjali mid-Diviżjoni tal-proprjetà tal-Gvern fuq l-Awtorità tad-Djar.

Il-proġett sabiex tiġi trasferita proprjetà residenzjali fuq l-Awtorità tad-Djar mingħand il-Kummissarju tal-Artijiet reġa' jinsab fis-seħħ. Grupp żgħir ta' nies ġie ffurmat bejn iż-żewġ partijiet sabiex dan it-trasferiment jiġi attwat. Għalkemm dan il-proġett qed jagħmel progress, irid jieħu ż-żmien tiegħu sakemm dan jiġi finalizzat.

## Pjanijiet għall-futur ippreżentati lill-Gvern

Matul is-sena li għaddiet, il-Bord ippreżenta lill-Gvern il-pjanijiet dettaljati tiegħu biex jakkwista appartamenti mis-settur privat. Dawn il-pjanijiet jinkludu xiri dirett mis-settur privat kif ukoll żvilupp ta' blokki ġodda permezz ta' *Public Private Partnerships*. Dwar dan tal-aħħar, żewġ siti ġew identifikati, wieħed ġewwa l-Msida (Valley Road) li diġa' jinstab f'fażi ta' tħaffir u l-ieħor jinsab ġewwa Birkirkara. Il-Gvern ta l-approvazzjoni tiegħu għal dan il-proġett u l-Awtorità tad-Djar ser toħroġ sejħa għal espressjoni ta' interess mingħand is-settur privat.

L-Awtorità tad-Djar hija konxja mill-fatt illi m'għandhiex biżżejjed proprjetà kompluta fi stat abitabbli sabiex taqdi lil dawk kollha fil-bżonn. Il-Gvern huwa wkoll konxju mis-sitwazzjoni preżenti fis-suq tal-proprjetà u għalhekk qed jipprepara sabiex jibda' jagħmel aktar użu mir-riżorsi tas-settur privat. Għalhekk, l-Awtorità tad-Djar qed taħdem fuq inizjattiva oħra fejn huwa ppjanat li tikri numru ta' appartamenti fit-tul mis-settur privat. Din l-iskema għandha tiġi introdotta fl-ewwel sitt xhur tas-sena 2011. Tħares 'il quddiem, l-Awtorità tad-Djar għandha l-intenzjoni li ssib alternattivi oħra biex taħdem mas-settur privat sabiex tindirizza n-nuqqas ta' appartamenti. Dawn il-pjanijiet jinsabu fi stat avvanzat u ser jiġu mħabbra aktar tard din is-sena.

## Proġett ta' Riabilitazzjoni Urbana tal-Unjoni Ewropea

L-Awtorità tad-Djar qiegħda tipparteċipa fil-proġett ta' riġenerazzjoni ta' Bormla li ġie introdott lejn l-aħħar tas-sena 2010. Dan il-proġett intitolat "*Stronger Cottonera Communities*" jikkonsisti fir-riabilitazzjoni urbana fiż-żona tal-Port il-Kbir, rinnovazzjoni ta' partijiet komuni ta' żewġ blokki użati mill-familji għall-akkomodazzjoni soċjali, u l-*landscaping* u żvilupp tal-madwar.

L-Awtorità tad-Djar hija responsabbli għar-rinnovazzjoni tal-partijiet komuni fil-Kwartieri ta' San Nikola u l-Kumpless tal-Verdala ġewwa Bormla. Dan jinkludi tisbiħ tal-ambjent u kwalità ta' ħajja aħjar lir-residenti. L-Awtorità qiegħda taħdem id f'id mal-Kunsill Lokali ta' Bormla u l-Aġenzija Sapport taħt it-

tmexxija tal-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni. L-għan prinċipali huwa li titjieb il-kwalità ta' akkomodazzjoni f'dawn l-inħawi. Għan ieħor ta' dan il-proġett huwa li jkun hemm aktar aċċessibilità billi jiġu installati *lifts*, kif ukoll li jkun hemm aktar effiċjenza fl-użu tal-enerġija. Miżuri bħall-installazzjoni ta' *solar panels, shading devices, double glazing* u bozoz li jaħlu inqas dawl ittieħdu sabiex ikun hemm użu ta' enerġija b'mod aktar effiċjenti.

L-Awtorità tad-Djar għandha rwol ċentrali f'dan il-proġett. Investiment fl-akkomodazzjoni soċjali fiż-żona tal-Port il-Kbir mhux biss ħa jtejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-proprjetà involuta iżda anki l-kwalità tad-djar affordabbli. Ukoll dan iħalli impatt pożittiv fuq is-saħħa, edukazzjoni, impjiegi, turiżmu u l-ambjent.

## Struttura tal-Organizzazzjoni

F'Novembru tas-sena 2009, il-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tad-Djar, Dr. Paul Debattista ħa pożizzjoni ġdida mal-Gvern. Għandi l-pjaċir nirrapporta li f'Awwissu tas-sena 2010 il-Bord ħatar lil Dott. Albert Buttiġieġ bħala Kap Eżekuttiv ġdid tal-Awtorità tad-Djar. Dott. Buttiġieġ, li kien jifforma parti mill-*management* tal-Aġenzija Sedqa, ħadem għal ħafna snin fil-kamp edukattiv u f'ambjent soċjali u kien ukoll responsabbli għal numru ta' pubblikazzjonijiet.

F'Novembru tas-sena 2010, il-Perit Sandra Magro, li kienet responsabbli għall-programmi ta' bini u manutenzjoni ta' proprjetà tal-Awtorità tad-Djar ħadet kariga ġdida fi ħdan il-MEPA. Il-perit Magro issa tokkupa l-pożizzjoni ta' Chairman tal-*"Environment and Planning Commission Board"*. L-Awtorità tad-Djar bħalissa tinsab fil-proċess li timla din il-pożizzjoni tant importanti.

Matul din is-sena l-Awtorità investiet ukoll fi programm ta' taħriġ biex inkomplu ntejbu il-kompetenzi tal-ħaddiema tal-Awtorità kif ukoll sabiex tissaħħaħ il-kultura ta' *Customer Orientation*.

## Konklużjoni

L-għan tal-Awtorità tad-Djar jibqa' li nipprovdu akkomodazzjoni diċenti lil dawk il-persuni anqas privileġġjati fis-soċjetà tagħna. L-Awtorità tikkommetti ruħha biex tkompli taħdem ħalli tassigura li l-*policies* u l-iskemi tagħha jaqdu l-bżonnijiet tal-lum kif ukoll jindirizzaw id-domanda li qiegħda dejjem tinbidel.

Il-pjanijiet li l-Awtorità ppreżentat lill-Gvern jindirizzaw il-limitazzjonijiet tal-istokk ta' proprjetà li hija għandha. L-Awtorità qiegħda tipprova takkwista aktar appartamenti sabiex tlaħħaq mad-domanda tal-applikanti tagħha. Programm biex l-Awtorità takkwista aktar appartamenti għandu jinbeda matul din is-sena.

F'isem il-Bord nixtieq nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lill-impjegati kollha tal-Awtorità tad-Djar għax-xogħol u sapport li jagħtu lill-familji fil-bżonn u minkejja l-limitazzjonijiet, huma għamlu xogħol ta' kwalità għolja.

**Mr. Charles Borg** *FCIB, M.A. (Fin.Services), B.A. (Hons) Banking & Finance*
*Chairman*

*April 2011*

# Fejn qegħdin? Fejn sejrin?



## Kelmtejn mill-Kap Eżekuttiv

Huma żewġ mistoqsijiet li kull persuna hija mistiedna li tagħmel fil-mixja tal-ħajja tagħha.

*Fejn qiegħed?* F'liema punt ninsab f'din l-istorja tiegħi?

*Fejn sejjer?* X'irrid mill-ħajja? X'viżjoni għandi?

Persuna li taf fejn qiegħda u f'liema direzzjoni sejra, hija persuna li tilħaq il-potenzjal kollu tagħha.

F'dan il-kuntest, l-Awtorità tad-Djar, flimkien ma' entitajiet soċjali oħra, qiegħda tistaqsi ukoll dawn iż-żewġ mistoqsijiet.

*Fejn qegħdin?* L-Awtorità tad-Djar, fi ħdan il-Ministeru tal-Politika Soċjali, Familja u Xogħol, qiegħda tippreżenta r-rapport annwali tal-ħidma tagħha. Rapport mfassal fuq diversi proġetti u innizjattivi li saru matul is-sena 2010. Minn dan ir-rapport joħroġ ċar li l-Awtorità, bil-limitazzjonijiet kollha interni u esterni tagħha, qiegħda tkun entità soċjali li taħdem bis-sħiħ fil-bini ta' soċjetà aktar umana u soċjalment aktar inklussiva.

Imma dan mhux biżżejjed. Matul din is-sena 2011, l-Awtorità tad-Djar trid tistaqsi '*Fejn sejra? X'inhi l-viżjoni tagħha?*'

Filwaqt li l-Awtorità tad-Djar trid tkompli tibni fuq il-passat tagħha, qiegħed inwassal xi punt fejn l-Awtorità tad-Djar tixtieq tieħu lilha nnifsha. Huma punti li jagħtu lil Awtorità tad-Djar direzzjoni u viżjoni.

Fil-qosor dawn huma l-għanijiet prinċipali għas-sena:

1. Bl-għajnuna ta' dawk il-Kunsilli Lokali li fi ħdanhom hemm il-binjiet tal-Gvern, l-Awtorità tad-Djar tibda l-implementazzjoni tal-iskema *"Insaħħu l-komunità. Riġenerazzjoni f'osqma tal-binjiet tal-Gvern"*. L-għan ta' din l-iskema hu li nsaħħu l-komunitajiet li jgħixu fl-oqsma tad-djar tal-Gvern. Kif ukoll tingħata għajnuna finanzjarja lill-Kunsilli Lokali biex jinvestu fi proġetti ta' tisbiħ madwar il-binjiet tal-Gvern u biex jiġu organizzati programmi edukattivi għar-residenti.

2. Tibda sseħħ skema oħra mal-Kunsilli Lokali fuq il-manutenzjoni tal-komun tal-binjiet tal-Gvern. Din hija skema mifruxa fuq sitt snin fejn 1,208 komuni ser jibbenefikaw mill-fondi allokati. Barra l-manutenzjoni tal-partijiet komuni, l-Awtorità tad-Djar, bl-għajnuna tal-Kunsilli Lokali, ser tiltaqa' mar-residenti ta' kull binja u tidħol fid-djalogu magħhom. L-għan ewlieni m'huwiex biss li tiġi mogħtija l-informazzjoni kollha meħtieġa fuq dan il-pjan ta' manutenzjoni, imma anke biex titwaqqaf l-għaqda tar-residenti f'kull binja. B'hekk ir-residenti jifhmu li huma għandhom responsabbiltà fit-tmexxija u fiż-żamma ta' dawn il-binjiet. Barra minn hekk, matul din is-sena, l-Awtorità tad-Djar ser tibda kampanja edukattiva fost ir-residenti bit-tema: *"Il-binja tiegħi, id-dar tiegħi"*.

3. Reviżjoni u evalwazzjoni tal-iskemi kollha tal-Awtorità tad-Djar. Ser isir dan il-proċess biex fejn hemm bżonn, dawn l-iskemi jkunu aktar inklussivi għal ħtiġijiet u diffikultajiet ta' dawk li jersqu għas-servizzi tagħna, b'mod partikolari dawk li għandhom ċerta vulnerabbiltà soċjali.

4. Introduzzjoni ta' skema ġdida – *"Nirranġa d-dar tiegħi"*. Din l-iskema ser tkun għal persuni anzjani (65+) li jgħixu fi proprjetà privata jew tal-Gvern. Jiġi studjat l-aħjar mod kif l-Awtorità tad-Djar tista' tgħin fil-ħin u mingħajr dewmin żejjed it-talba tagħhom. Hija skema li tgħin lil dawk l-anzjani li mhux biss għandhom problemi ta' mobilità imma wkoll ta' manutenzjoni urġenti. Hija l-intenzjoni tal-Awtorità li dawn l-anzjani jkomplu jgħixu fid-djar u fil-komunità tagħhom.

5. Filwaqt li jitkompla l-proċess ta' reviżjoni ta' kif tinħadem il-kirja, jinstabu modi aħjar kif din il-kirja tinġabar kollha mingħand kulħadd.

6. Isir proċess li jwassal biex diversi garaxxijiet, li attwalment huma vojta u mhux użati, jiġu offruti b'rati speċjali lir-residenti, kemm dawk li jgħixu fl-binjiet tal-Gvern u f'oħrajn.

7. Inizjattiva ġdida fejn l-Awtorità tad-Djar toħroġ sejħa pubblika fejn tistieden sidien ta' appartamenti privati biex dawn jikru il-fondi tagħhom. Minn naħa tagħha, l-Awtorità tad-Djar tikri dawn il-fondi lil persuni li jinħtieġu dan is-servizz.

8. Jitkompla l-proċess fuq il-*waiting list* biex din tista' tifhem aħjar il-bżonnijiet varji ta' dawn il-persuni. L-għan ewlieni huwa biex l-Awtorità tista' tifhem u tirrispondi aħjar għal bżonnijiet tagħhom.

9. Jitkompla l-proċess fejn l-Awtorità tistudja l-possibbiltà li tidħol fis-sħab mas-settur privat biex isiru xi proġetti ġodda ta' bini.

10. L-Awtorità tad-Djar tagħmel sforż akbar biex tiddentifika fondi vakanti u mhux użati jew inkella jinstabu b'użu abbużiv.

11. L-Awtorità tad-Djar tkompli taħdem ma' entitajiet oħra biex jitkompla proċess fejn persuni li għandhom il-fond tagħhom li għadu fuq konvenju, jaslu għall-kuntratt finali.

12. L-Awtorità tad-Djar tistudja l-possibbiltà li tiftaħ skema ġdida li tħeġġeġ lil persuni biex isiru sidien ta' darhom.

13. L-Awtorità tad-Djar tagħmel riċerka fuq il-profil tal-binjiet tal-Gvern. L-għan ewlieni ta' din ir-riċerka tkun biex l-Awtorità tad-Djar tkun tista' tifhem aħjar il-bżonnijiet tar-residenti ta' kull lokalità u, flimkien ma' aġenziji u entitajiet soċjali, taħdem b'mod ħolisitku biex tagħti kwalità aħjar ta' ħajja lil dawn ir-residenti.

14. Jitkompla l-programm ta' *finishing* fuq diversi proġetti sabiex jingħataw għall-kiri sa l-aħħar ta' din is-sena.

15. L-Awtorità tad-Djar toħroġ ġabra ta' *policies* li jiġbru d-diversi skemi li għandha l-Awtorità. L-għan ewlieni ta' dawn il-*policies* huwa li jagħtu kwalità u viżjoni aħjar lil dawn l-istess skemi.

16. Fis-sena ddedikata lil NGO's, l-Awtorità tad-Djar mhux biss ser toħroġ *policy* fuq dan imma, waqt li tfakkar din is-sena b'żewġ attivitajiet partikolari, ser taħdem aktar biex ikun hemm *support community housing* ma' diversi NGOs.

17. Ikun hemm sforz akbar sabiex l-Awtorità tad-Djar tapplika għall-fondi mill-Unjoni Ewropea u tieħu sehem f'diversi proġetti u programmi ta' taħriġ.

18. F'ħidma biex L-Awtorità tad-Djar twettaq ħidma aħjar ta' Relazzjonijiet Pubbliċi mal-pubbliku inġenerali, l-Awtorità tagħmel sit elettroniku ġdida li tkun aktar *user friendly*. Matul din is-sena l-Awtorità tad-Djar taħdem biex tara x'possibiltajiet biex ikollha *document management system*.

19. L-Awtorità tad-Djar tkompli l-programm ta' riġenerazzjoni urbana kif ukoll isir studju dwar il-problema tal-mobilità fl-oqsma tal-binjiet tal-Gvern u jiġu identifikati proposti sostenibbli fuq imġieba għal din il-problema.

20. Isir enfażi li kull min jieħu post bil-kiri mingħand l-Awtorità tad-Djar ikun irid jattendi sensiela ta' laqgħat edukattivi. L-għan huwa li dawn il-laqgħat jgħinu lil dawn ir-residenti ġodda jintegraw aħjar fil-komunità. Għandu ikun hemm ukoll *follow-ups* matul l-ewwel sena tal-kirja tagħhom.

21. Jiġu studjat aktar u aħjar il-possibbilitajiet li l-Awtorità tad-Djar ikollha uffiċini ġodda li fihom tkun tista' toffri servizz aħjar.

22. Matul din is-sena l-Awtorità tad-Djar tiffirma l-ftehim kollettiv ġdid mal-*Union* prinċipali.

**Dott. Albert Buttigieg** *Bac.Sc., Ed., Lic.Sc., Ed. (Rome)*
*Kap Eżekuttiv*

*April 2011*

# Akkomodazzjoni Soċjali

Matul din is-sena l-Awtorità tad-Djar għamlet eżerċizzju intensiv fuq il-lista ta' persuni li għandhom applikazzjoni pendenti għall-post alternattiv tal-Gvern. Bdejna s-sena b'2,900 applikazzjoni u b'dan l-eżerċizzju 1,033 applikazzjoni ġiet ikkanċellata għal diversi raġunijiet, fosthom li l-applikanti ma jkunux aktar eliġibbli minħabba d-dħul finanzjarju tagħhom jew ma kinux aktar interessati fl-applikazzjoni tagħhom. Matul dan il-perjodu l-Awtorità tad-Djar irċeviet 330 applikazzjoni ġdida - medja ta' 28 applikazzjoni ġdida fix-xahar. Preżentament l-Awtorità tad-Djar għandha diversi applikazzjonijiet pendenti u dawn l-applikazzjonijiet għandhom prioritajiet differenti.

*Policy* ġdida li kellha l-Awtorità tad-Djar din is-sena fir-rigward tal-applikazzjonijiet għal post alternattiv, kienet li kull applikazzjoni tiġi kategorizzata skond il-ħtieġa tal-persuna. Ġew krejati 14-il kategorija fejn kull applikazzjoni ġiet eżaminata u kategorizzata. X'uħud mill-kategoriji huma periklu fid-dar, każijiet soċjali, *homeless*, diżabilità, *sharing accomodation*, kera għolja eċċ. B'dan l-eżerċizzju l-Awtorità tad-Djar għandha stampa ċara tal-bżonnijiet tal-applikanti tagħha għall-akkomodazzjoni soċjali.

L-applikazzjonijiet għall-akkomodazzjoni soċjali jaqaw taħt diversi kategoriji.

Minn dawn il-kategoriji l-Awtorità tad-Djar tagħti prijorità lil ċertu każi iktar minn oħrajn sabiex jingħataw post alternattiv mil-iktar fiss. Dawn il-każi ta' urgenza għal din is-sena inkludew dawn il-kategoriji:

- *Substandard*
- *Lack of Sanitary Facilities*
- *Overcrowding*
- *Social Cases – Referred from Agencies*
- *Social Cases – Domestic Violence*
- *Homeless – Institution*
- *Homeless – Eviction*
- *Homeless – Rehab Clients*
- *Disability*
- *Disability – Mobility*
- *Elderly living on their own*
- *Refugees*
- *Sharing Accomodation - Overcrowding*



*'Stair lift' installat biex jgħin għal aċċess ta' mobilità aħjar*

Madankollu, każijiet urġenti u ġenwini fejn ikun hemm periklu fil-bini jiġu proċessati b'mod separat u iktar urġenti minn dawn il-kategoriji.

## Allokazzjoni ta' Postijiet tal-Gvern bil-kera

L-Awtorità tad-Djar allokat 98 post bil-kera lill-applikanti fuq il-lista. Minn dawn it-98 fond, 15 kienu appartamenti ġodda mibnija mill-Awtorità tad-Djar u l-inkwilini ngħataw is-somma ta' €1,165 kull wieħed sabiex tgħinhom jinstallaw kamra tal-banju. L-inkwilini ta' 52 appartament ieħor ingħataw is-somma ta' €319,979.56 sabiex jagħmlu x-xogħol neċessarju f'dawn il-fondi bħal bdil tal-kmamar tal-banju, tibjid,

bdil tas-sistemi tad-dawl u l-ilma, bdil ta' madum eċċ. 204 kuntratt ta' kirja ġew iffirmati li kienu jikkonsistu l-allokazzjonijiet ġodda, bdil ta' appartamenti bejn inkwilini minħabba raġunijiet varji u rikonoxximenti.

Il-Bord li janalizza applikazzjonijiet għar-rikonoxximenti jew evakwazzjonijiet, ra 79 każ fejn 22 evakwazzjoni ġew approvati. Fil-fatt 15-il evakwazzjoni ġew affettwati u l-postijiet reġgħu ġew allokati, u sal-lum fadal seba' każi pendenti xi jsiru. Dawn isiru b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Artijiet li huwa sid ta' dawn il-fondi.

## Ispettorat

L-ispetturi fi ħdan is-sezzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali kellhom sena impenjattiva u dan għaliex l-Awtorità bdiet eżerċizzju li tispezzjona blokki tal-Gvern sabiex jiġi verifikat li l-fondi qegħdin jiġu okkupati mill-inkwilini rikonoxxuti u mhux minn ħaddieħor. Saru 1,238 spezzjoni għal dan il-għan u saru wkoll 618-il spezzjoni oħra li kienu jikkonsistu f'investigazzjonijiet wara diversi rapporti li l-Awtorità tirċievi fuq l-appartamenti mikrija mill-Gvern. L-ispetturi għamlu wkoll mall-513-il spezzjoni oħra li kienu jikkonsistu f'wiri ta' postijiet, spezzjonijiet biex jiġi verifikat jekk l-inkwilin daħalx jgħix fil-post u spezzjonijiet oħra relatati mal-komun tal-blokki u ż-żamma tiegħu.

## *Requisition Order*

Tkompla l-eżerċizzju ta' tneħħija ta' *Requisition Orders* minn fuq proprjetà tal-privat. Din is-sena tneħħew 50 *Requisition Order* minn fuq proprjetà privata biex b'hekk in-numru ta' postijiet li għad għandhom *Requisition Order* fuqhom issa niżel għal 349. Ta' min jgħid li mhux dejjem faċli li jitneħħew dawn ir-*requisition orders* minn fuq din il-proprjetà għaliex fil-każijiet li fadal hemm xi litigazzjonijiet bejn is-sidien u l-inkwilini jew is-sidien qatt ma rrikonoxxew lill-inkwilini. Għalhekk bit-tneħħija tar-*Requisition Order* l-Awtorità tad-Djar tidħol fir-riskju li l-inkwilini jispiċċaw jitkeċċew mid-djar mikrija lilhom.

## Reviżjoni ta' kirjiet

Bħal kull sena, l-Awtorità tad-Djar tagħmel reviżjoni fuq il-kirjiet ta' postijiet tal-Gvern. Din is-sena 1,389 inkwilin intalbu jissottomettu d-dokumenti meħtieġa sabiex issir ir-reviżjoni fuq il-kera ta' kull sentejn. Din is-sena l-Awtorità tad-Djar kellha 123 applikant li ntalbu jħallsu l-kera kummerċjali u dan għaliex jew ma bagħtux id-dokumenti meħtieġa jew għaliex id-dħul tagħhom qabeż il-massimu stabbilit u għalhekk ma kinux eliġibbli għas-sussidju.

## Skemi ta' irranġar

L-Awtorità tad-Djar għandha diversi skemi sabiex bihom tgħin lir-residenti ħalli jagħmlu xogħol ta' irranġar u b'hekk jirrendu r-residenza tagħhom fi stat abitabbli u ta' *standard* ta' abitazzjoni aċċettabbli jew skond il-bżonnijiet tad-diżabilità li jkollhom. Kull skema tgħaddi minn proċess ta' verifikazzjoni qabel ma jinħareġ is-sussidju lill-applikanti.

Dawn l-iskemi ġew ippubblikati matul is-sena 2009, fejn ħadu post skemi oħra li kienu fis-seħħ. Permezz ta' Skema 5 u Skema W, matul is-sena 2010, l-Awtorità tad-Djar ħallset is-somma ta' €327,095 għall-xogħlijiet lill-inkwilini residenti f'postijiet mikrija mill-privat jew mill-Gvern. Dawn l-iskemi ġew sostitwiti bi Skema I f'Awwissu 2009. Taħt Skema Z, li f'Settembru 2009 ġiet ukoll sostitwita bi Skema A, tħallas l-ammont ta' €204,379 matul is-sena 2010 għal xogħlijiet ta' irranġar u titjib ta' residenzi okkupati mis-sidien.



*Kamra tal-banju qabel*



*Kamra tal-banju wara*

Taħt Skema 7, li kienet toffri għajnuna finanzjarja lill-persuni b'diżabilità għall-xogħlijiet ta' titjib relatati mad-diżabilità tagħhom fir-residenza okkupata minnhom, l-Awtorità tad-Djar ħarġet is-somma ta' €88,123 matul is-sena 2010. Din l-iskema ġiet sostitwita bi Skema L f'Awwissu 2009. Taħt Skema V, fejn l-Awtorità tad-Djar tinstalla *lifts* fi Blokki/Entraturi residenzjali li huma proprjetà tal-Gvern, ħarġet l-ispiża ta' €255,243.

## Skemi Varji

### Skema A

Skema għal sussidju fuq xogħlijiet ta' irranġar u titjib f'residenzi privati okkupati minn sidien u f'residenzi mikrija lill-inkwilini fejn japplikaw is-sidien sabiex jiġi eliminat biss kull periklu fl-istruttura. Matul is-sena 2010, l-Awtorità tad-Djar irċeviet 26 applikazzjoni għal assistenza taħt din l-iskema, u approvat is-somma ta' €45,062.97 bħala assistenza filwaqt li tħallsu €4,000.

### Skema SM

Skema għal sussidju fuq xogħlijiet ta' strutturi perikolużi fi djar ta' proprjetà tal-Gvern jew tal-Uffiċċju Konġunt, mikrija lill-inkwilini konoxxuti, sabiex jiġi eliminat kull periklu fl-istruttura. Matul is-sena 2010, l-Awtorità tad-Djar irċeviet 50 applikazzjoni taħt din l-iskema, u approvat is-somma ta' €50,174.62 għax-xogħlijiet taħt din l-iskema.

### Skema I

Skema għal sussidju fuq xogħlijiet ta' rranġar fi djar privati jew fi proprjetà tal-Gvern li huma okkupati minn inkwilini jew ċenswalisti, sabiex l-applikanti jrendu r-residenza mikrija lilhom fi stat abitabbli u ta' *standard* ta' abitazzjoni aċċettabbli. Matul is-sena 2010, l-Awtorità tad-Djar irċeviet 122 applikazzjoni taħt din l-iskema u approvat l-ammont ta' għotja ta' €248,936 għal xogħlijiet li jaqgħu taħt din l-iskema filwaqt li tħallsu €108,300.

### Skema L

Skema ta' għajnuna lill-persuni b'diżabilità sabiex dawn ikunu jistgħu jaddattaw id-dar tagħhom għall-bżonnijiet skond id-diżabilità tagħhom jew biex jikkonvertu parti mill-fond eżistenti f'fond separat li jippermetti lill-persuni b'diżabilità jgħixu b'mod indipendenti jew semi indipendenti qrib il-familjari tagħhom. Matul is-sena 2010, l-Awtorità tad-Djar irċeviet 61 applikazzjoni għal din l-għajnuna u approvat ukoll is-somma ta' €104,453.74 bħala għotja għal xogħlijiet taħt din l-iskema filwaqt li tħallsu €105,300.



*Rampa magħmula għall-aktar aċċesibilità*



*Struttura tal-'lift' maħduma minn materjal tal-aluminjum u ħgieġ li ġie użat mill-ġdid*

### Skema E

Skema ta' installazzjoni ta' *lifts* jew għajnuna fi flus biex jiġi nstallat *lift* fi blokki/entraturi ta' appartamenti f'Malta u Għawdex li huma proprjetà tal-Gvern jew tal-Awtorità tad-Djar u okkupati minn inkwilini rikonoxxuti mill-Gvern, fejn hemm residenti mill-inqas persuna waħda b'diżabilità relatata ma' mobilità jew għandha problemi ta' mobilità. Matul is-sena 2010, l-Awtorità tad-Djar irċeviet żewġ applikazzjonijiet taħt din l-iskema.

## Skema ta' Sussidju tal-Kera

### Skema R

Applikazzjoni mill-inkwilini għal sussidji fuq il-kera ta' residenzi privati. Matul is-sena 2010, l-Awtorità tad-Djar irċeviet 503 applikazzjoni għal dan is-sussidju. Is-sussidju approvat matul l-istess sena jammonta għal €295,362.27 filwaqt li tħallsu €847,000. Din il-figura tkopri applikazzjonijiet ta' ħames snin ta' qabel peress li applikant li jikkwalifika taħt din l-iskema jkompli jagħmel dan għal perijodu ta' ħames snin.

## Għajnuna fuq l-Ewwel Proprjetà Residenzjali

### Skema GALR

Skema ta' għajnuna fuq il-pagamenti tas-Self mill-Bank għax-Xiri tal-Ewwel Residenza. Matul is-sena 2010, l-Awtorità tad-Djar irċeviet disa' applikazzjonijiet għal din l-għotja. Ġiet approvata s-somma ta' €5,819 matul is-sena 2010 bħala għotja lill-applikanti taħt din l-iskema filwaqt li tħallsu €6,200.

### Skema GFR

Skema għal għotja biex tgħin fil-bini u/jew tkomplija ta' xogħlijiet jew irranġar tal-ewwel residenza. Din hija skema popolari ħafna ma' dawk li xtraw l-ewwel proprjetà tagħhom, speċjalment koppji żgħażagħ. Matul is-sena 2010, l-Awtorità tad-Djar irċeviet 366 applikazzjoni għal din l-għotja. Matul din l-istess sena approvat il-ħlas ta' 406 applikazzjoni għall-għotja ta' €1,016,265 filwaqt li tħallsu €1,035,500.

## Bejgħ ta' Appartamenti mibnija mill-Awtorità tad-Djar

### Avviż Legali 75

Fl-14 ta' Mejju 2010, l-Awtorità tad-Djar ħarġet għall-bejgħ bi prezz issussidjat 117-il post f'14-il lokalità differenti madwar Malta, li jinkludu Buġibba, Burmarrad, Kirkop, Marsaxlokk, Mġarr, Mrieħel, Mtarfa, Naxxar, Pembroke, Qawra, Qrendi, Tarxien, Żebbug u Żurrieq. Is-sussidju fuq dawn il-postijiet kien ta' 25% fuq il-valur kummerċjali. Minnhom kien hemm 80 appartament u *maisonette* bi 3 kmamar tas-sodda, 33 post b'żewġt ikmamar tas-sodda u 4 postijiet b'kamra tas-sodda waħda. Għall-dawn il-postijiet, l-Awtorità rċeviet 284 applikazzjoni. Sal-lum, l-Awtorità tad-Djar għandha 75 applikazzjoni mexjin għax-xiri ta' post taħt din il-ħarġa. Sal-aħħar ta' din is-sena l-Awtorità tad-Djar kienet daħlet f'konvenju ma' 29 applikanti li bbenefikaw minn dawn il-postijiet.






## Fidi ta' Ċnus

### Skema P

Skema għal fidi ta' Ċens fuq HOS plots allokati mid-Dipartiment tal-Art.

Matul is-sena 2010, l-Awtorità tad-Djar irċeviet 11-il applikazzjoni taħt din l-iskema u fil-fatt disa' minnhom ġew aċċettati sabiex jibdew il-proċess tal-fidi taċ-ċens. Dan il-proċess sejjer jitkompla matul is-sena 2011.

### Reviżjoni ta' Ċnus u rati ta' Interessi

Matul is-sena 2010, l-Awtorità tad-Djar kellha wkoll 660 każ li kellu r-rata tas-sussidju taċ-ċens u/jew tal-interessi riveduti. Dan is-sussidju jiġi kkalkulat skond id-dħul tal-benefiċċjarji li jkunu ħadu art jew xtraw proprjetà mingħand l-Awtorità tad-Djar, jew xtraw proprjetà mill-privat.

## Servizz ta' *Social Worker*

L-Awtorità tad-Djar kienet ilha tħoss li fi ħdan il-*Customer Care* jkun hemm servizz ta' *social worker* li tkun tista' teżamina aħjar il-bzonnijiet tal-klijenti tagħna li sfortunatament jkollhom problemi soċjali. Għalhekk wara sejħa pubblika l-Awtorità tad-Djar ingaġġat *social worker* fuq bazi ta' *part time* sabiex tagħmel *home visits* sabiex jiġi aktar analizzat il-bżonn ħolistiku tal-klijenti tagħna.

## Attrezzar tal-Uffiċċju tal-Awtorità tad-Djar

Din is-sena l-Awtorità tad-Djar tat dehra ġdida lill-uffiċċji tal-*Customer Care* u l-*waiting area*. L-iskrivaniji tal-uffiċjali li ta' kuljum jilqgħu l-klijenti tagħna ġew mibdula sabiex jagħtu aktar privatezza lill-klijenti.



*Uffiċjali tal-Awtorità tad-Djar jaqdu il-pubbliku*

# Supported Housing

L-Awtorità tad-Djar ta' kull sena tassisti għaqdiet volontarji li jipprovdu servizzi ta' *housing* lil persuni fil-bżonn. L-Awtorità temmen li dawn l-organizzazzjonijiet għandhom rwol importanti fis-soċjetà biex ngħelbu u nsaħħu l-prevenzjoni ta' problemi li ħafna drabi jikkawżaw kura fi sptarijiet u f'istituti għal tul ta' żmien u/jew sitwazzjonijiet fejn nies jispiċċaw bla saqaf fuq rashom. Dawn l-organizzazzjonijiet jgħinu wkoll biex itaffu l-problemi li jaffaċċjaw dawn in-nies meta jibdew jaħsbu biex jitilqu mill-istituzzjoni biex jgħixu waħedhom.

L-assistenza tista' tingħata kif indikat hawn taħt:

- f'forma ta' appartament/i bil-kera jew għal bejgħ
- għotja ta' flus għal tiswijiet u rranġar fil-proprjetajiet ta' l-organizzazzjonijiet li jikru jew li huma sidien jew parti mis-sidien
- assistenza għall-installazzjoni ta' *lift*
- għotja sabiex jitħallsu parti mill-pagamenti għas-salarji

## Lista ta' Benefiċċjarji




- ***Fondazzjoni Nazareth***
  Matul is-sena 2010 tħallset is-somma totali ta' **€47,237.07**. Din is-somma ġiet allokata għall-irranġar u titjib tad-Dar Jean Varnier.

- ***Caritas Malta***
  Għotja ta' €3,354.30 bħala ħlasijiet ta' kera ta' dar f' Santa Venera.

- ***Dar Qalb ta' Ġesù***
  - Għotja ta' €20,000 lid-Dar Qalb ta' Ġesù sabiex isir xogħol ta' rranġar u titjib f'appartament li ser iservi bħala akkomodazzjoni temporanja għall-familiji li ġejjin minn *background* ta' vjolenza domestika.
  - Għotja ta €5,000 lis-sorijiet tad-Dar Qalb ta' Ġesù għall-installazjoni ta' *lifting aid*.

- ***Conservatorio Vinċenzo Bugeja***
  Għotja ta' €8,305.61 għal xogħlijiet ta' rranġar u titjib fil-*membrane* u kmamar tal-banju.

- ***Richmond Foundation***
  - Għotja ta' €27,787.89 li kienet approvata għal *lift* ġewwa *hostel* fil-Furjana ġiet trasferita għal xogħlijiet ta' rranġar u titjib ta' dar ġdida fi Gwardamanġia.
  - Għotja ta' €19,802 għal proġett sħiħ '*Semi independent living*' ta' rranġar u titjib f'dar ġdida f'Santa Venera. S'issa l-Awtorità tad-Djar tat is-somma ta' €11,849.88.

- ***Fondazzjoni Mid-Dlam għad-Dawl***
  Għotja ta' €1,040.64 bħala parti minn somma għall-irrangar u titjieb ta' *Dar it-Tama* Bormla.

- ***Ejjew Għandi Children's Homes***
  Għotja ta' €16,925 sabiex jsir *upgrade* fiċ-*Child Centre* taż-Żejtun. S'issa l-Awtorità iffinanzjat is-somma ta' €5,000 bħala depożitu.

- ***Multiple Sclerosis Society***
  Xogħol kontra l-umdita' f'wieħed mil-ħwienet allokati. Dan ix-xogħol sar mill-Awtorità tad-Djar.



*Triq il-Wied, Msida*



*Triq Axtart, Marsaxlokk*

## Proprjetà

Matul is-sena 2010 ġew allokati numru ta' appartamenti bil-kera. Din il-kera ġiet sussidjata b'40% mir-rata kummerċjali sabiex jgħixu fihom persuni *homeless*. Kif ukoll xi uħud minn dawn l-appartamenti jservu bħala uffiċini u *meeting place* tal-organizzazzjoni. Madanakollu ma' kull proprjetà l-Awtorità talloka għotja ta' €1,630 sabiex titranġa il-kamra tal -banju.

- ***Equal Partners Foundation***
  Shop 13, Triq il-Wied Msida.

- ***Malta Wireless and Talking books for the Blind Foundation***
  Garaxx 76, Triq Pietro Darmenia Pembroke

- ***Mount Carmel Hospital***
  Apartment 4 Ent 3, Triq Axtart, Tal Ġinwi Marsaxlokk

- ***Multiple Sclerosis Society***
  Shop Numru 6 u 7 Triq il-Wied Msida

- ***Victim Support Group***
  Shop 4 Triq il-Kuncizzjoni Msida

- ***Eden Foundation***
  Mais 5 & Garaxx 6 Triq il-Wilga Luqa (Tiġdid ta' kuntratt)

## Salarji

Matul is-sena 2010 ġiet allokata is-somma ta' €10,500 lill-*Appoġġ* bħala salarju ta' *social worker* li jaqdi d-dmirijiet tiegħu fil-*Cottonera Resource Centre*.

# Tiswija u adattament ta' proprjetà tal- Gvern

## Proprjetajiet tal-Gvern vojta, irranġati u mogħtija bħala Djar

Id-Dipartiment tal-Artijiet għandu numru ta' proprjetajiet vojta f'diversi lokalitajiet f'Malta u Għawdex. F'kull każ sar rapport tekniku li juri l-istima ta' nfiq li hemm bżonn fuq kull post biex dan jiġi rranġat bħala post għal skop ta' *social housing*. Qabel ma post jiġi allokat lill-inkwilini ġodda, ix-xogħol strutturali isir b'kuntratti maħruġa u amministrati minn din is-sezzjoni. L-inkwilini l-ġodda ikunu inkarigati jagħmlu xogħlijiet bħal servizzi, madum tal-art u tibjid ta' ħitan u soqfa, tiswija jew tibdil ta' aperturi u kmamar tal-banju kompluti skond l-għażla tagħhom. Meta dan ix-xogħol ikun approvat mill-uffiċċjali ta' din is-sezzjoni, l-inkwilini jingħataw il-flus lura skond l-istima tar-rapport tekniku li jkun sar.

Ikun hemm każi fejn l-inkwilin ikollu bżonnijiet speċjali minħabba xi diżabilità. Dawn il-bżonnijiet jitniżżlu fir-rapport tekniku finali, biex b'hekk nipprovdu *social housing* għal persuni b'diżabilità.

| | |
|---|---|
| Numru ta' proprjetajiet li ġew mogħtija | 116 |
| Numru ta' spezzjonijiet u rapporti | 100 |
| Numru ta' xogħlijiet lesti | 17 |
| Numru ta' xogħlijiet għaddejjin | 20 |
| Numru ta' xogħlijiet li qed jiġu preparati | 16 |
| Numru ta' postijiet li ġew mogħtija għall-allokazzjoni. | 80 |

*Tabella 1 – "Social Housing"*




*Tabella 2 – Numru ta' Xogħlijiet*

## Irranġar kif ukoll bini ta' djar privati wara li ġarrbu ħsara mill-isplużżjoni ta' Triq Ħal-Dgħejf, Naxxar

Wara li ħallasna għat-tiswijiet fi djar privati li ġarrbu ħsara matul l-aħħar sena, l-Awtorità ħallset ukoll għall-bini ta' żewġt id-djar li ġew kompluti skond ftehim li kien intlaħaq, u anki parti minn dar oħra li nbniet matul din is-sena.

### Tiswijiet ta' ħsarat ikkaġunati minn nar f'postijiet tal-Gvern

F'żewġ każi ta' nar l-Awtorità kienet pronta biex tgħin lill-familji effettwati billi rranġat l-elettriku, naddfet u bajdet il-ħitan, is-soqfa u l-ħadid tat-taraġ u biddlet jew irranġat il-bibien tal-appartamenti.

- Ta' Ġiorni;
- Hal-Qormi;
- Naxxar.

F'dawn il-każi, l-inkwilini ngħataw sapport ta' *social worker* u anki tħallset kera għal tliet xhur f'postijiet oħra sakemm kien lest ix-xogħol ta' tiswija.

## Spezzjonijiet wara lmenti tan-nies

L-inkwilini fil-proprjetà tal-Gvern jagħmlu talbiet għall-irranġar fil-proprjetajiet diversi, u dawn l-ilmenti jiddaħħlu f'*database* biex imur uffiċċjal jivverifikhom. Nirċievu talbiet għal tiswijiet minn inkwilini tal-appartamenti fejn, jekk ikunu jirreferu għall-appartament innifsu, ix-xogħol isir taħt skema. Meta jkun fil-komun tintbagħat persuna teknika li tagħmel rapport li fih tiddeskrivi u tirrakkmanda x'hemm bżonn isir. Ix-xogħol isir permezz ta' kuntratti ta' xogħol mogħtija lill-kuntratturi. It-tabella li ġejja turi n-numru ta' talbiet u spezzjonijiet.

| **Talbiet għall-għajnuna** | | | |
|---|---|---|---|
| Talbiet Approvati għall-għajnuna | 104 | | |
| Talbiet irrifjutati | 135 | | |
| Talbiet fejn ix-xogħol sar u tħallas | 148 | | |
| Total ta' Spezzjonijiet li saru tul 2010 | | 387 | |
| Spezzjonijiet pendenti | | 132 | |
| **Total ta' Talbiet għall-Għajnuna tul 2010** | | **519** | |

*Tabella 3 – Talbiet u Spezzjonijiet*




*Tabella 4 – Spezzjonijiet wara lmenti tan-nies*




*Tabella 5 – Mill-Ispezzjonijiet li saru tul 2010*

## Tiswija ta' Blokki Residenzjali tal-Gvern

L-Awtorità tad-Djar tieħu ħsieb ix-xogħlijiet fil-parti komuni tal-binja residenzjali tal-Gvern.

Matul dan iż-żmien, l-Awtorità tad-Djar ħarġet sejħa għall-offerti ta':

- xogħol ta' dranaġġ;
- tneħħija ta' periklu fil-ħitan, soqfa u opramorti;
- tiswijiet fl-elettriku tal-komun;
- bdil jew tiswija ta' gallariji tal-injam;
- bdil ta' soqfa perikolużi f'partijiet komuni.

Saru wkoll xogħlijiet urġenti billi nġabru *quotations* għal:

- Tiswija ta' madum;
- Kontrabjut;
- Ħitan tal-ġebel u parapetti;
- Difetti fis-sistemi tal-ilma u tad-dranaġġ fi kmamar tal-banju;
- Tiswijiet u bdil ta' aperturi.



*Saqaf li ġie mibdul mil-Awtorità tad-Djar*

## Programm ta' manutenzjoni fil-binjiet tal-Gvern (2011-2016)

## Introduzzjoni

L-Awtorità tad-Djar, bi ftehim mal-Kunsilli lokali, qed tniedi programm ta' manutenzjoni tal-partijiet komuni fil-binjiet residenzjali tal-Gvern. Preżentament hawn 1,208 binjiet mifruxa.

L-għan ewlieni ta' dan il-programm huwa biex inkomplu nsaħħu u nsebbħu l-ambjent fejn jgħixu l-familji tagħna, it-tfal u l-anzjani sabiex niżgurawlhom ambjent iktar sigur u nadif.

L-Awtorità tad-Djar, bi ftehim mal-Kunsill Lokali, qed tniehdi programm ta' manutenzjoni tal-partijiet komuni fil-binjiet residenzjali tal-Gvern. Il-programm huwa mifrux fuq 6 snin u hemm baġit annwali ta' €1,000,000. Kull sena l-Awtorità, flimkien mal-Kunsill Lokali, qed tippjana li tieħu ħsieb il-manutenzjoni ta' madwar 200 binja.

L-għan ewlieni ta' dan il-programm huwa biex inkomplu nsaħħu u nsebbħu l-ambjent fejn jgħixu l-familji tagħna, it-tfal u l-anzjani sabiex niżgurawlhom ambjent iktar sigur u nadif. Matul dan il-programm l-Awtorità tibqa' f'kuntatt mal-Kunsilli u r-residenti biex tilqa' u tisma' kull ilment u suġġeriment li jista' jkun hemm sabiex inżommu l-programm ħaj biex jindirizza aħjar il-ħtiġijiet tar-residenti.

Kull proposta jrid ikun fiha d-dettalji kollha magħmula minn perit fuq liema binjiet ser isir ix-xogħol u min ser jibbenefika, ix-xogħlijiet li hemm bżonn isiru, x'permessi hemm bżonn, l-istimi meħtieġa, lista ta' residenti li huma sidien u dawk li huma bil-kera u ż-żmien sabiex ix-xogħol jitlesta.

Din l-iskema tapplika biss għal xogħlijiet fil-partijiet tal-komun tal-binjiet residenzjali tal-Gvern u l-Awtorità tad-Djar.

L-Awtorità tad-Djar u l-Kunsill Lokali jidħlu fi ftehim formali biex isir dan ix-xogħol fil-binjiet tal-komun tal-binjiet tal-Gvern. L-Awtorità toffri sa massimu ta' €5000 għall kull binja li tinsab f'dik il-lokalità skont il-pjan mifrux fuq 6 snin.

F'eventwalità li l-manutenzjoni hija nqas minn din iċ-ċifra, l-ammont jibqa' fil-fond li l-Awtorità ser tagħti lill-Kunsill u jgħaddi għal manutenzjoni oħra fl-istess lokalità jew għal proġett ieħor ta' ri-ġenerazzjoni fil-madwar tal-binjiet. Jekk iċ-ċifra taqbeż dan l-ammont, l-Awtorità u l-Kunsill jidħlu fi ftehim biex jaraw kemm binjiet jistgħu jintlaħqu. Kull binja tagħmel tajjeb għal oħra.

## Nsaħħu l-komunità - Riġenerazzjoni f'oqsma tal-binjiet tal-Gvern

### Introduzzjoni

L-Awtorità tad-Djar temmen li l-ambjent fejn jgħixu n-nies jgħin fit-titjib tal-kwalità tal-ħajja tar-residenti. Għaldaqstant, l-Awtorità tad-Djar flimkien mal-Kunsilli Lokali, qed tniedi skema sabiex isir żvilupp fl-oqsma residenzjali tal-binjiet tal-Gvern u l-Awtorità tad-Djar madwar Malta u Għawdex.

### Min jista' jipparteċipa fl-iskema

Kull Kunsill Lokali li għandu binjiet tal-Gvern fil-lokalità tiegħu setgħa japplika taħt din l-iskema. Il-binjiet tal-Gvern u l-Awtorità tad-Djar jinsabu mferxin f'52 lokalità f'Malta u Għawdex.

L-Awtorità qed talloka s-somma ta' €675,000 fis-sena għal din l-iskema. Kull Kunsill Lokali jista' jibbenefika sa massimu ta' €75,000 għal proġett li jinkludi programm ta' żvilupp fiżiku madwar il-binjiet tal-Gvern u l-Awtorità tad-Djar u programm ta' inizjattivi soċjali.

L-Awtorità tad-Djar se toħroġ sejħa pubblika miftuħa għal dawk il-Kunsilli Lokali li għandhom oqsma tad-djar fil-lokalitajiet tagħhom. F'din is-sejħa jingħata perjodu ta' xahar sabiex il-Kunsilli jkunu jistgħu jitfgħu proposti bil-miktub għal proġetti taħt din l-iskema.

Dawn il-proġetti jridu jilħqu ż-żewġ għanjiet tal-iskema u għalhekk iridu jinkludu, proġett ta' tisbiħ tal-madwar tal-binjiet tal-Gvern u l-Awtorità tad-Djar u programmi edukattivi ta' taħriġ u inizjattivi soċjali.

Kull proposta trid tkun tinkludi d-dettalji kollha magħmula minn perit fuq liema madwar tal-binjiet ser isir ix-xogħol, l-istima meħtieġa, iż-żmien meta x-xogħol ikun lest u min ser jibbenefika. Il-proposta trid tkun tinkludi wkoll program b'inizjattivi edukattivi u soċjali li ser isiru, min ser jagħti dan is-servizz, iż-żmien li fih ser isiru dawn l-attivitajiet u min ser jibbenefika minn dawn l-inizjattivi.

### Nirranġa Dari għall-Ħajja Aħjar

Dan hu serviżż ġdid ta' għajnuna lill-anzjani biex tiffaċilità l-għixien tagħhom fil-komunità.

L-applikanti li jistgħu jikkwalifikaw huma sidien jew inkwilini li jgħixu fi proprjetà li mhux adekwata għall-bżonnijiet tagħhom minħabba li hi *substandard*, għandha periklu jew għandha nuqqasijiet ta' aċċessibilità, sigurtaĪ u faċilitiajiet neċessarji.

# Liftijiet

### Blokki fejn tlestew u bdew jitħaddmu l-liftijiet

- Blokk 1, Triq il-Ġdida fi Triq il-Konventwali, Tal-Qortin, Qawra
- Plots 26, 27, 28, Binja tal-Qala, Triq il-Fieres, Tarxien
- Blokk B, Triq it-Tarzna, Isla
- Blokk A, Bieb 9, Triq il-Pellegrinagg, Bormla
- Blokk 8, Bieb A, Triq il-Ballut, San Ġwann

## Liftijiet li għalihom ingħatat l-ordni biex jinbeda x-xogħol li bħalissa huwa miexi



*Kostruzzjoni ta' blokka tal-lift*

Intbagħtu ħames *tenders* biex jinbeda x-xogħol ta' nstallar ta' liftijiet lill-kuntratturi bid-data eżatta kif ukoll id-data li fiha kellu jkun lest ix-xogħol. Dan sar ġewwa:

- Blokk 3, Bieb P, Triq Dun Xand Cortis, Sta. Venera;
- Blokk C5,Triq il-Prinċipessa Margerita,Ta' Xbiex
- Blokk D4, Triq il-Kosbor, Ta' Xbiex
- Blokks 4 & 5, Triq Għeriexem, Rabat, Malta

## Tħejjija biex jinbeda l-installar ta' Liftijiet

Inħarġu seba' *tenders* u nġabru l-offerti ta' kuntratturi, s'issa ġew identifikati ħames kuntratturi li ser jagħmlu xogħlijiet ġodda ta' nstallar ta' liftijiet. Huwa fi ħsieb tal-Awtorità tad-Djar li dawn ix-xogħlijiet jitlestew sas-sena 2011. It-tenders maħruġa huma għal:

- Blokk C, Qasam ta' Ganza, Zejtun
- Blokk C5, (Appartamenti 1-8), Triq Fonsu Maria Galea, B'Kara
- Blokk J, Triq Xemxija, Marsa
- Blokk C2, Pjazza Madonna ta' Fatima, Pieta'
- Blokk C, Fuq Tal-Blat, Qormi
- 13, Triq Sant'Anna, Floriana
- Blokk 6, Triq id-Deheb Fin, Qormi

## Pjan għas-sena 2011

Intbagħtu disa' ittri ta' aċċettazzjoni wara sottomissjonijiet mingħand *tenderers* għall-installar ta' liftijiet għal:

- Blokk B, Triq it-Tarzna, Isla
- Blokk C5, Triq il-Prinċipessa Margerita, Ta' Xbiex
- Blokk D4, Triq il-Kosbor, Ta' Xbiex
- Blokk 3, Bieb P, Triq Dun Xand Cortis, Santa Venera
- Blokk C, Qasam ta' Ganza, Zejtun
- Blokk J, Triq Xemxija, Marsa
- 13, Triq Sant'Anna, Floriana
- Blokk 6, Triq id-Deheb Fin, Qormi
- Blokk C2, Pjazza Madonna ta' Fatima, Pieta'

## Preparazzjoni ta' dokumenti għat-tlestija ta' *tenders* biex jiġu nstallati *Lifts*

Wara talbiet minn okkupanti ta' appartamenti fil-blokki tal-Gvern, il-ftuħ tal-*files* relevanti u l-iċċekkjar tal-eliġibilità tal-applikazzjonijiet, qed jiġu ppreparati dokumenti ta' *tenders* għal tmien blokki tal-Gvern:

- Blokk C1, Triq il-Principessa Margerita, Msida;
- Blokk A3, Triq il-Watar, Ta' Xbiex;
- Blokk D, Fuq Tal-Blat, Qormi;
- Blokk C1, Triq id-Duluri, Pieta';
- 125, Triq ir-Repubblika, Valletta;
- Blokk F, Triq il-Jum, Marsa;
- 91, Triq il-Merkanti, Valletta;
- Blokk C, Triq l-Iljun, Floriana.

## Xogħol varju konness mal-immaniġġjar tat-*tenders*

Sar ħafna xogħol amminstrattiv li hu relatat mal-immaniġġjar tat-*tenders* u tax-xogħol innifsu u lista ta' dawn hi kif ġej:

- Estensjoni tal-*Performance Bonds* lill-Kuntratturi;
- Għeluq ta' *Bid Bonds* mal-Kuntratturi;
- Għeluq tal-*Performance Bonds* mal-Kuntratturi;
- Sottomissjoni lill-Enemalta u lill-*Go* ta' applikazzjonijiet għal servizzi fil-*lift*;
- Ittri varji lill-kuntratturi, residenti jew entitajiet oħra konnessi mal-progress tax-xogħol;
- Tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari;
- Superviżjoni ta' xogħlijiet ta' nstallar ta' liftijiet;
- Rapporti ta' evalwazzjoni tal-offerti tal-kuntratturi;
- Tħejjija ta' rapporti tekniċi.

## Tibdil ta' Soqfa Perikolużi

Wara li fl-2009 kienu nbdew żewġ *tenders* għall-bdil ta' soqfa perikolużi u kienu saru żewg soqfa, din is-sena tkomplew u tlestew ħdax-il saqaf l-ieħor. Dawn kienu żewġ soqfa f'Ħal Tarxien, saqaf fir-Rabat, Malta, saqaf fl-Isla, ħames soqfa fil-Belt Valletta, saqaf f'Ħal Qormi u saqaf fil-Birgu.

### Spezzjonijiet ta' Postijiet fl-Iskemi I u L

Matul is-sena ġew spezzjonati 160 post madwar Malta u Għawdex biex residenti jiġu mgħejjuna jirranġaw fejn joqogħdu. Dawn iż-żjarat kienu mqassma kif ġej:

- 106 postijiet taħt Skema I;
- 54 post taħt Skema L.




*Xogħol li sar fuq gallerija fi Triq Fleur de Lys, Birkirkara*

# Żvilupp

## Programm ta' Bini Ġdid

L-Awtorità kompliet bil-programm ta' bini ta' appartamenti. Bejn Jannar u Diċembru 2010, tlestew diversi proġetti hekk kif indikat f'tabella numru wieħed. Dawn il-proġetti nbnew fi stat *semi-finished* fejn l-faċċata, l-aperturi u l-partijiet komuni tlestew mill-Awtorità sabiex ġew implimentati diversi miżuri li jiffrankaw l-użu tal-enerġija bħal *double glazing*, *insulation* tas-soqfa, persjani/*solar film* u bir f'kull proġett.

| Lokalità | Proġett | Appartamenti | Garaxxijiet |
|---|---|---|---|
| Mrieħel (1) | Plot 11, Triq il-Kan. Indri Galea | 3 | 2 |
| Mrieħel (2) | Plot 22, Triq Spiru Mizzi | 3 | 3 |
| Mtarfa | Binja Msieraħ, Triq Dar il-Kaptan | 42 | 52 |
| Pembroke | Blokk A1-A4, Triq Pietru Darmenia | 64 | 154 |
| Tarxien | 44, Triq Sir Temi Zammit | 13 | 0 |
| Żurrieq | Plot 9, Vjal l-Indipendenza | 5 | 1 |
| Żebbuġ | Plot 31, Triq l-Indipendenza | 2 | 2 |
| **Totali** | | **132** | **214** |

*Tabella 1 – Proġetti li tlestew matul is-sena 2010.*




*Tabella 2- Proġetti ta' bini ġdid –Appartamenti.*



*Blokki ta' appartamenti ġewwa il-Mellieħa*



*Plot ġewwa Paola*

Matul is-sena 2010 naqas ir-ritmu tal-proġett tal-bini minħabba diversi fatturi, fosthom li hawn diversi proprjetajiet vojta u mhux mibjugħa, l-Awtorità tad-Djar kompliet bil-proġett tal-bini.

1. Proġetti ġodda sabiex jinbnew disa' appartamenti hekk kif indikat f'tabella 3.

| Lokalità | Proġett | Appartamenti | Garaxxijiet |
|---|---|---|---|
| Raħal Ġdid | Plot 13, Triq Anġlu Psaila | 4 | 1 |
| San Ġwann | Triq ir-Rummien | 3 | 0 |
| Żurrieq | Plot 4, Vjal l-Indipendenza | 2 | 2 |
| **Totali** | | **9** | **3** |

*Tabella 3 – Proġetti li indew matul is-sena 2010.*

